HOLMA TA' MISSJUNARJU.

jew

RAQDA MA' GESU.

Drama mistku fantastiku fi 3 atti.
Original ta' Karm. Galea, Salesjan.

PERSONAGGI.

Patri Di Dios. Missjunarju Xwejjah.
San Mikiel Arkanglu.
Ming. Kap tat-tribu indjana.
Ping. Gappuniz qaddej tieghu.
Spirtu ta' Guda Iskarjota.
Gelsina. Is-sultana tal-pjaneta Venere.
Honsildo. )
Silvente. ) Slaten rappresentanti tal-pjaneti Mercurjo,
Sitrida. ) Marte, Giove u Saturno. Dawn huma persuni
Vestore. ) figurattivi li jitkellmu.
Prologu. Personagg idejali.
Angli u abitanti tal-pjaneta Venere.

Epoka wara Kristu kull zmien jghod. Xenarju u lbies fantastiku skond l'ispirazjoni illi jkollu d-direttur tat-tijatru.

Id-dramm jisvolgi ruhu l-ewwel att fl-Indi fuq gholja kollha fjuri, it-tieni gewwa bosk fil-fruntiera ta' Burma bejn l-Indi u c-Cina, u t-tielet att fil-pjaneta Venere, l-aktar pjaneta li tixbah lil-art taghna.

L-24 ta' Mejju,1943.
Sliema, Malta G.C.

## L-ewwel Att. (Bil-lejl).

Ninsabu fil-kampanja ta' l-Indi fl-Assam, jidhru t-truf ta' l-gholja mimlija bil-ward ta' kull xorta u ta' kull lewn, u t-truf ta' l-gholja jispiccaw fix-xmara li mill-ilma taggha tilghin fjuri kbar bojod; sema ikhal mimli bil-kwiekeb u qamar kwinta. Il-gnub tal-palk huma mixghulin kollka fjuri. Mis-saqaf hemm imdendlin xi kwiekeb bojod, kohol u homor mixghulin, kif ukoll mill-kwinti, qalb il-fjuri 'l hawn u 'l hemm hemm xi kwiekeb zghar imdendlin bl-arti u dan l-apparat tas-saqaf u tal-kwinti jibqa'ghad-dramm kollu, biss kull att jidbiddel l-isfond u bzonnijiet ohra skond ic-cirkostanzi.

## L-ewwel Xena.

Missjunarju, S. Mikiel, Angli u l-Prologu.

(Malli jitla' iseparju, ix-xena tibqa' vojta, l-ghana ta' l-ghasafar jikser il-hemda tal-lejl. Malli l-ghasafar jiqfu jinstama' l-kant tad-"Te Deum Laudamus." li dejjem joqrob; malli l-kant ikun fl-eqqel tieghu jidhol il-prologu, persuna idejali, javvanza lejn il-proxeniku, il-muzika u l-kant tat-'Te Deum' bil-ftit il-ftit qieghed jintefa' sakemm ma jibqax jinstama' izjed; il-prologu jitkellem b'accent ta' bniedem soprannaturali.)

Prologu: Arawh lill-missjunarju jasal f'dik id-daqxejn ta' dwejra, mahsula bil-gharaq tax-xoghol tqil tieghu u fqira minn kollox; gewwa teka tad-deheb ghad ghandu fuq sidhru l-Misteri li bihom kien sejjer iqarben lil wiehed marid, qaghad bil-qieghda ma' genb il-mejda biex jitrejjaq u hsiebu fix-xoghol li fadallu jaghmel u kemm ghad fadallu erwieh, x'jikkonverti ghal Alla. Wara li kiel xi haga, bil-ghajja, ghajnejh intilfu fin-nghas. Huwa mxewwaq li jikkonverti l-Indi kollu minn tarf sa tarf. Huwa qed johlom, u fil-holma tieghu qam, hareg mid-dar u telaq ghal vjagg twil fejn ghandu jmur iqarben lil dak li qed imut. Huwa tiela' l-gholja, dejjem tiela' ....... Huwa ma hux wahdu fil-holm tieghu, ghandu mieghu l'Arkanglu San Mikiel, illi bit-torca tieghu iwannes lil-ministru t'Alla u jdawwal il- Hobz Mistiku illi l-missjunarju ghandu imdendel fuq sidhru fit-teka tad-deheb. Arawh hawn: huwa qieghed johlom, l-anglu t'Alla qieghed jiftahlu t-trieq. (L-ewwel jidhol l-Arkanglu San Mikiel b'torca kbira tixghel f'idu u fi hziemu ghandu xabla, u daqs tmin angli wrajh kollha lebsin il- kuruna tal-ward abjad f'rashom, idejhom ma' xulxin u rashom baxxuta, xi hud minnhom ixerrdu l-ward taht il-passi tal-missjunarju. Dawn imorru joqoghdu gharkobbtejhom erbgha kul naha. San Mikiel illi jkun liebes ta' gwerrier jibqa dejjem bil-wieqfa ma' genb l-missjunarju.) Angli ohra nizlu missema biex jatu gieh lill-Ewkaristija, il-missjunarju jopra, jitkellem u jimxi, izda jiena sejjer inhallihulkom maghkom, huwa dejjem johlom. (Il-prologu jitlaq).

Missju: (Niezel dejjem minn fuq l-gholja f'nofs id-dehra ta' l-angli, liebes kollu abjad b'lehja safra jew griza, kappell bil-faldi twal abjad, f'qaddu salib, idu x-xellugija fuq it-teka tad-deheb u f'idu l-lemenija bastun twil; jersaq' il quddiem, huwa l-bniedem Missjunarju dejjem johlom; il kant tat-'Te Deum' jieqaf ghal kollox.). Min ghandu 'l Alla mieghu min huwa kontra tieghu? Hawn fuq sidri gewwa

teka tad-deheb ghandi lil Gesu taht l-ispeci Sakramentali. (L'Angli ibaxxu rashom sa l-art.) Ix-xemx kienet ghada kemm hbiet l-imriezaq taghha, is-sema kien qisu qed jaqbad u jroxx bhal ward hamrani, xi kwiekeb 'l hawn u 'l hinn bdew jarmu wkoll id-dija taghhom, u l-qamar kwinta hareg iqattar il-gawhar minn xefaq il-bahar u beda idawwal dawn il-gholjet, lidonnu zebaghhom bill-fidda. Kien dan il-hin, meta jiena tlaqt mid-dwejra tieghi mill - Assam ma' wiehed mill-indjani illi ghadni kemm ikkonvertejtu ghad-dawl tal-fidi ta' Kristu. Dan wassalni sa truf il-gholja, imbaghad wara li tani fanal mixghul f' idi jiena bqajt wahdi. Izda liema eghgubijiet waqghu taht ghajnejja! Ir-rieh beda jonfoh, qamet bhal tempesta, jiena bejn naqa' u ma naqax, f'daqqa wahda buffura rieh qawwija tfitli f-fanal, imma x'ghageb: malli l-fanal intefa nara quddiemi torca tixghel b'dawl l-aktar sabieh! Donnu xi hadd iehor gie u ha l-post ta' dak l-indjan li gie biex iwennisni. Din it-torca misterjuza beqghet dejjem miexja mieghi u d-dawl taghha dejjem aktar jisbieh. Izda aktar misterjuz li sibt ruhi mgerbeb gewwa foss u nhoss zewg idejn rotob bhattajjar jerfghuni, u haduni fuq tapit tal-ward fejn idejn zghar hassejthom idewwuni bl'ingwent l'aktar ifuh; imbaghad nisma' min ikellimni,minghajr ma nara lil hadd hlief dik it-torca miexja dejjem quddiemi, u jiena dejjem tiela'; tiela', u madwari dhahen ta' ncens u fwieha ta' balzmu qasmitli qalbi; donnu kelli l-angli miexjin madwari; u jiena dejjem tiela'; issa nara iljun ihebb ghalija, issa serp irid idur mieghi; 'ma min ghandu lil Gesu mieghu min huwa kontra tieghu? Hekk kif wasalt fil-quccata ta' l-gholja r-rieh waqaf ghal kollox u nisma eluf ta' ilsna jkantaw it-'Te Deum Laudamus', u hafna qniepen idoqqu, mill-gholi tas-sema bdiet niezla xita ta' fjuri, mill-art dbew jimbtu eluf ta' gilji, u rajt il-kwiekeb jitbaxxew kwasi sa l-art, u din il-gholja rajta tinbidel f'artal gewwa l-Eden. Jiena hawn mistaghgeb ghajjat: "Dan il-gmiel kollu madwari x'ifisser?" u lehen misterjuz wegibni: "Ibqa' miexi, 'l quddiem tkun taf kollox."

S.Mik: Alter Christus, biex inti qieghed tistaghgeb?

Missju:L-istes lehen! ...

S.Mik; Ghalkemm il-ghajnejn tal-bnedmin ma jarawhx taht ghajnejhom, dan il-gmiel fuq dina l-art ixxurtjata jidher kuljum meta l-ministru t'Alla jkun ghaddej fit-trieq bil-Vjatku, l-angli tal-Mulej jimxu pass wara pass ma' l-Kbir Gesu biex jatuh gieh mieghu ukoll lil min imexxieh, jamministrah, lilek li bhala Kristu iehor, inti timmola ruhek fuq artal, u hemm mill-gholi tas-smewwiet tnizzel lil Gesu biex ikun hobz ta' l-erwieh, manna tal-Vergni, tal-martri, tal-konfessuri.

Missju:(Dejjem mistaghgeb) Dejjem l-istess lehen ta' hemm fuq. O bniedem mohbi fil-misteru, l-arpa tad-deheb ma ddoqqx helu daqs ilsienek. Nista' nkun nafmin inti?.

S.Mik:Ghad ma hux il-waqt, biss kun af illi min qieghed ikellmek gid biss jista' jaghmillek u deni qatt.

Missju:(Wahdu) Forsi l-anglu kustodju tieghi? Ma jisthoqqlix li narak hux tassew?.

S. Mik:Inti jisthoqqlok kollox, inti sacerdot etern. Forsi mhux mill-kelma tieghek Gesu jinzel fuq l-artal? Forsi mhux inti tqaddishom l-erwieh bis-sakramenti? Forsi mhux inti tkeccihom fl-infern id-demonji u tahfer id-dnubiet? Anqas lil l-angli dawn is-setghat ma gew moghtija. Mela ifrah u birek lis-Sinjur.

Missju: (Jinzel ghar-rkobbtejh) Ikun imbierek Alla ghala dejjem. (N.B. L-Angli kull meta jissemma l-isem t'Alla jbaxxu rashom). Tken imbirka Marija, sultana ta' l-Angli li mill-gilju purissmu ta' Gufha gibitek fl-art biex tkun is-sultan tas-sema u l-art, Alla maghmul bniedem.

S.Mik: Qum min hemm ghaliex inti ghad tara hwejjeg sbieh aktar minn dawn.

Missju: Kemm nixtieq inwassal il-Vjatku lil dak il-marid. 'Mma l-vjagg twil wisq u sahha m'ghandix. Xtaqt qabel inkompli l-vjagg tieghi nistrih daqsxejn. 'Mma jekk qatt fir-rqad tieghi jisirquli lil Gesu?...

S.Mik: Alter Christus, orqod u strieh, ma' gembek ghandek min jindukrak, il-messaggier tas-Sinjur ma jhalli lil hadd jersaq lejk.

Missju: X'wans jista' jkolli aktar minn dan... imbaghad dina l-ostja bajda bhal gilju li ghandi fuq sidri twennisni f'dan il-lejl. (Jinzel ghar-rkobbtejh, irodd is-salib u jmur jorqod fuq gebla.).

S. Mik: (Lill-angli li kien ghadhom ghar-rkobbtejhom b'ras-hom baxxuta) Angli t'Alla tistghy tmorru tindukraw lill-ministri tas-Sinjur li bhal issa waqt il- miss-jonitaghhom jinsabu fil-periklu tal-mewt; jiena nibqa'hawn bit-torca nadura lil Gesu. (L-angli jbaxxu rashom quddiem il-missjunarju u jitilqu. Jibqa' biss San Mikiel mal-Missjunarju rieqed). Ahjar rieqed biex ma tkunx taf x'inhu gej ghalik. (Jinzel ghar-rkobbtejh. Pawsa kbira. Wara ftit jibda jberraq u jrieghed).

## It-Tieni Xena.

Ping, Ming, S. Mikiel u l-Missjunarju rieqed fil-fond.

Ming; (Jidhol liebes ta' ras tat-tribu ndjani: lahmu mill-lewn ic-cikkulata, rix twil indawwar ma' gbinu bhal kuruna. Ping jidhol urajh liebes bhalu biss ix-xbieha tieghu hija ta' Gappuniz ghaliex imnissel mill-Gappun; dan armat bi stallet f'idu. Il-beraq u r-raghad dejjem jizdied. Iz-zewg halle-lin jiflu kullimkien, izda l-presenza ta' San Mikiel ghalihom ma tezistix. Ghall-hoss tas-sajjetta huma jitbezzghu, jergghu lura, imbaghad jergghu jaghmlu l-qalb) Sa fl-ahhar ilhaqnieh u waqa' taht idejna dan l-impustur ta' Ewropej. Issa,Ping, huwa rieqed fil-fond, armi m'ghandux, issa malajr, nahtfulu dik it-teka li ghandu tleqq fuq sidru; f'dik id-daqs-xejn ta' kaxxa tad-deheb il-missjunarju jgib il-misteru ili huma l-insara jsejhulu "L-Ewkaristija"; u b'dawn il-misteri dawn l'Ewropej, Sacerdoti li dahhlulna f'pajjisna l'inglizi, b'dawn il-misteri qeghdin jaqilbu kulhadd ghal maghhom u lilna rjus tat-Tribu qeghdin iddawrulna spallejhom. Jekk din il-liberta li taw l-Inglizi ma tieqafx, ma tghaddix sena ohra li dawn il-mishutin ta' ministri nsara ma jaqilbuxlin-nies taghna kollha ghar-religjon ta' Kristu. Mela bla skrupli xejn, ahtaflu dawk il-misteriu b'daqqa ta' stallet inhalluh mejjet hawn fl'art ma' shabu l-ohrajn, ghalina Ping.

Ping: (Jersaq bil-mod ma'genb il-missjunarju bl-istallet f'idu fil-hin taghmel berqa u sajjetta. Ping jinqata' u jarga lura?). Alla Budda! Kif inqtajt minn gewwa!

Ming: Mniex qieghed tibza? Dawn huma is-sajjetti li her-gin mill-infern, kif ighidu misserijietna. Nizzel dik id-daqqa ta' stallett qieghed inghidlek.

Ping: (Ifittex biex jersaq bl-istallett f-idu ma' genb il-missjunarju u jhoss ruhu mizmum minn idejn.misterjuzi u msammar ma' l-art.) Ming, atini l-ghajnuna!

Ming: X'gara?.

Ping: Qed inhossni nirtoghod, l-art qeghda taqbez taht riglejja bhal meta jaghmlu t-terremoti!

Ming: Hallik minn dawn il-hnerijiet. Oqtol lil dak l' Ewropej ghaliex hazin ikun ghalik.!...

Ping: Alli ras tat-Tribu, inti ma tafx x'qieghed inhossjiena! Hares l-istallett sejjer jaqali minn idi! Hawn ara, l-polz ta'jdejja nhossu mizmum minn tnalja li qeghda zzomli l-giri tad-demm! (Jagalu l-istallett u jibqa' mbikkem.)

Ming: Bniedem bla hila, jiena gibtek mill-Gappan biex tken id-driegh il-lemminija tieghi u inti tibza' minn dellek. Halli naqbad jiena f'idejja dak l-istallett.......... (Jigbor l-istallett u jmur b'girja fuq il-missjunarju biex joqtlu, kif sejjer biex itieh id-daqqa San Mikiel iqieghed il-ponta tax-xabla fuq spallejn Ming.) Ping! Ping! Hwejjeg tal-biza!! Ma nistax innizzlu 'l isfel.

Ping: Intix tara? Issa qieghed temminni? Jiena nhossni mwahhal ma' l-art!

Ming: Riglejja keshuli bhas-silg!

Ping: Jiena donni sirt statwa tal-gebel!

S.Mik: (Li ghadu jzomm ix-xabla fuq spallejn Ming.) Hekk Alla jhallas lil dawk illi jridu jtebbghu jdejhom bid-demm ta' l-innocenti, bid-demm tal-ministri tieghu u wisq izjed lil min irid izeblah il-Hobz Ewkaristiku, il-prezenza Rejali ta' Gesu Kristu, is-sahta tas-sema taqa' fuq ulieduǃ

Ming; (Mistaghgeb u Ping aktar minnu.) Ping, dan il-kliem? Inti qieghed tara lil xi hadd?!

Ping: Lil Hadd...! 'ma oqod...x'ikun dak id-dawl bhal torca tixel fl-ajru minghajr ma zzomm ma' xejn?

Ming: Jiena wholl qieghed naraha! Hwejjeg tal-biza!! Dak zgur Alla ta' l-insara gie biex jikkastigana! ...Naharbu qabel ma jixhet xi sajjetta fuqna u jahraqna!

Ping: Jiena na nistax niccaqlaq.

Ming: U jen inqas minnek.

Ping: Mela kif trid naharbu?.....

Ming: Li kien Alla Budda jehlisna minn idejn Alla ta' l-insara!...

S, Mik: Bnedmin li ghadkon tinsabu fil-dlamijiet ta' l-idolatrija, morru orbtu mazzra ma' ghonq alla taghkom u ixtuh gewwa din ix-xmara, ghaliex Alla huwa wiehed biss; huwa dak illi ghallimkom dan il-missjunarju meta kontu ghadkom zghar....... Tiftakru x'hajja ta'hena meta intom ic-ckejknin il-missjunarju kien ighallimkom il-Vangelu?

Missju: (Jarfa' rasu u jibqa' b'ghajnejh maghluqin bhal min ~~minn~~ dejjem johlom, u jkompli d-diskors illi beda S.Mikiel). U dan Alla wiehed illi ghalikom l-indjani u l-gappunizi ghadu mohbi fil-dlam, ma jdumx ma tidrilkom fil-dawl tal-fidi biex taghrfuh u thobbuh. (Jerga' jnizzel rasu fuq il-gebla).

S. Mik: Izda dan jista' biss minn dan il-Ministru li intom gejtu tficcu ghall-mewt u mill-qawwa ta' dak illi huwa jgib fuq sidru. Dan il intom ridtu tisirqu, huwa Kristu haj li miet u rxoxta bies jifdi lill-bnedmin kollha, u lilkom ukoll.

Ming: X'Lehen ta' hlewwa!

Ping: Misteru, misteru.

Ming: Ping, ma nafx x'qieghed inhoss gewwa fija!......

Ping: Jiena wkoll qieghed jigini li nibki! Qieghed inhoss illi rrid inhobb lil dan is-sacerdot ta' l-insara...... Nixtieq kieku nghannqu u nbusu!

Ming: Jiena nixtieq nitolbu jahfirli u nahslu bid-dmugh!

S. Mik: L-indiema taghkom salvatkom; fl-isem ta' l-Altissmu illi zammilkom il-passi taghkom, tharrku u imxu. (Inizzel ix-xabla).

Ming: (Jimxi u jmur hdejn il-missjunarju). O Helu Ministru tal-Veru Alla, benefattur kbir tat-tfulija tieghi, jiena l-veru Alla nafu, gharraftuli int; 'mma jiena webbist qalbi! Inti rieqed ir-raqda helwa ta' l-innocenza, 'mma kieku tiftah ghajnejk u tarani, zgur taghraf fija lic-ckejken Ming, li fid-dwejra tieghek min jaf kemm il-darba raqqadtni, u tmajtni ghaliex kont issibni bil-guh. Wara li ghadda z-zmien jiena lhaqt ras tat-tribu u issa gejt in ficcek biex incappas idejja bid-demm tieghek. Inti m'intix tismani, u anqas jiena ma rrid intajjarlek in-nghas helu tieghek; 'mma jekk ma tismanix int, Alla tieghek jakra f'qalbi - dak Alli illi issa huwa tieghi wkoll. Ahfirli, nitolbok tahfirli! (Ibusu fuq gbinu).

Ping: (Imur ma' genb il-missjunarju). Jiena wkoll, jiena wkoll hati mal-kap tieghi. Jiena niftakar meta inti kont gejt fil-Gappun, u jiena kont wiehed mill-ewlenin tfal illi gew fil-kappella tieghek biex jitghallmu d-dutrina. Jiena s'issa kont warrabt it-taghlim tieghek, izda kelli nerga niltaqa' mieghek biex nircevi grazzi kbar. Jiena wkoll nemmen f'Alla tieghek u rrid inhobbu sal-mewt. Ahfirli, ahfirli. (Ibus sider il-missjunarju).

Missju: (Iqum bhal missjunarju). Tridu intom titghammdu?

Ming u Ping: Irrudu, missier.

Missju: Mela hejju ruhkon ghall-maghmudija. (Iz-zewg konvertiti jghaqqdu jdejhom ma' xulxin b'gabra u b'qimakbira, jinzlu ghar-rkobbtejhom biex jircevu s-sakrament tal-maghmudija. Anglu jidhol bi skutella bl-ilma f'idu, anglu iehor b'zewg kuruni tal-ward, u angli ohrajn jidhlu biex jassistu ghac-cerimonja.)

(Il-missjunarju jmur jiehu l-iskutella ta' ilma minn idejn l-anglu, u qalb il-kant ta' l-angli l-missjunarju jghammed iz-zewg konvertiti bil-formola tas-sinjal tas-salib; hawn l-anglu li gieb mieghu l-kuruni jmur fuq l-imghammdin, inehhilhom dak illi ghandhom f'rashom, u jqeghdilhom kuruna tal-ward abjad, meta jieqaf il- kant).

Missju: Issa intom mahsulin bl-ilma tal-maghmudija ta' l-insara. Ghaddu mal-merhla tal-hrief ta' Gesu Kristu (ighannaqhom ta' Appostli biex il-gens taghkom jara d-dawl tas-sewwa.

Ming: Immorru bil-ferh gewwa qalbna, imbirku din is-siegha li d-destin rega' laqqana mieghek. ( Ibuslu idu).

Ping: Inbierku lill-Ispirtu Santu li nizel fuqna, u lilek ukoll o Ministru t'Alla. (Ibus idejn il-Missjunarju huwa wkoll).

S.Mik: Morru u rrakontaw dak kollu li waqa' taht ghajnejkom. ( Hawn il-wicc ta'San Mikiel jigi milqut b'dawl qawwi).

Missju: (Lill-indjani) Uliedi, harsu, harsu, dak id-dawl!

Ming u Ping: Misteru, misteru.

(San Mikiel jibda hiereg mill-palk).

Missju: Dak il-lehen, dak id-dawl mhumiex hwejjeg ta' l-art; Immorru mieghu. (San Mikiel jibda hiereg; il-missjunarju, Ping, u Ming jimxu wara l-passi ta' San Mikiel, id-dawl fuq il-palk jintefa, u bil-med il-mod jinzel is-separju).

TMIEM TA' L-EWWEL ATT.

## IT-TIENI ATT (MAT-TBEXBIX).

Bosk kollu hdura fuq il-"front" ta' Burma, bejn l-Indi u c-Cina, fejn qeghda ssir taqbida harxa tal -gwerra.

Fil-fond tal-bosk tidher il-lejha tan-nar ta' xi haga li qeghda tinharaq. Malli jitla' s-separju jinstemghu hsejjes ta' Kanuni fil-boghod; ftit ftit qieghda ibex-bex, sakemm jisbah ghal- kollox.

## L-EWWEL XENA.

Missjunarju wahdu marbut ma'sigra.

Missju: (Jinsab marbut ma' sigra li anqas idejh ma jista jcaqlaq). Ma nista' nifhem xejn....... Dak ir-ras tat-tribu mal-qaddej tieghu riedu joqtluni u jisirquli lil Gesu, izda jiena ghadni haj, marbut ma' din is-sigra. 'Mma fejna dik ix-xmara? Jiena m'ghadnix fuq dik il-gholja? Donnhom ghaddew is-snin minn mindu ghammidt lil dawk it-tnejn u qarbint lil dak il-marid. Veru ma nista nifhem xejn. (Jinstema' l-isparar tal-kanuni). Isma dawn il-hsejjes tal-biza'! Il-gwerra qeghda fil-hruxija taghha!......Oh kieku l-ministri tan-nazjonijiet baxxew rashom ghall-kliem tal-Vangelu. Kristu qal : "Hobbu lil xulxin bhal ahwa, u l-paci ssaltan rebbieha qalb il-gnus"; u dan il-kliem gie wkoll imtenni kemm il-darba, mill-form qaddis tal-Vigarju tieghu, il-papa. 'Mma l-bnedmin dan il-kliem warrbuh, l-imhabba spiccat , Alla huwa minsi, il-ministru tieghu imkasbar; u ghalhekk id-dinja paci ma jkollhiex, u x-xmara tad-demm izjed thammar, u l-ghanja tad-dmugh tizdied. Hares, kullimkien imgarraf u n-nirien telghin imissu mas-shab! L-eghlieqi ta' Burma mizrughin bil-katavri u b'ingenji tal-gwerra mfarrkin. (Sparar qawwi tal-kanuni). O Gesu, Marija u Guzeppi ! Hennu ghal dawk li qeghdin jitqabdu! Harsu kif qeghdin jaqghu mejtin bil-mijiet, u jiena ninsab hawn marbut minghajr ma naf min rabatni! O kieku xi hadd jigi jhollni, kemm immur nigri qalb dawk is-suldati feruti biex natihom il-konfort tar-Religion: 'mma jiena ninsab wahdi, abbandonat minn kullhadd. Fejn hi dik it-torca tixghel quddiemi, dak il-lehen angeliku tal-konfort? Hadd, hadd ma' genbi issa li tant ghandi bzonn.......Qieghed nara sewwa? Hemm suldat qed jitlob il-ghajnuna tas-sacerdot u jiena ma nistax ninhall. O fejnu dak il-ghana ta' fuq dilil-gholja? Angli tas-sema, ghiduli li kont intom qeghdin tkantaw, ejjew mela u holluni, il-missjoni tieghi qeghda hemm fuq il-kamp tal-battalja. Ajjut! Ajjut!

## IT-TIENI XENA.

Ping u l-Missjunarju.

Ping: (Jidhol liebes ta'suldat gappuniz, b'idu fuq sidru jzomm il-ferita, u f'idu l-ohra ghandu pistola, minghajr ma jinduna bil-missjunarju). Ebda ruh hajja!...... Hadd ma jista' jatini ghajnuna?,,......Jiena ferut ghall-mewt!.......

Missju: Dan il-lehen?! (Ihares lura) Dak is-suldat......

Ping: Xtaqt li bhal issa jkolli ma' genbi sacerdot!..... Jiena qieghed immut!.......

Missju: Oh! Hija, is-sacerdot qieghed hawn, ersaq ftit ma' genbi....

Ping: Patri.....Ma mistax.......jiena ferut!.......Ferut gravi!..... Ghall-mewt!..... Tini l-assoluzjoni! Il-Grizma!

Missju: Ibni, ma nistax, ara jdejja kemm huma maghfusin b'dan il-habel.......Ersaq ftit 'l hawn, hollni mqar idi l-leminija.

Ping: Sahha m'ghandix, demmi hiereg kollu. (Jitkaxkar xi ftit fl-art u jersaq ma' genb il-missjunarju). Lil min qieghed nara?! Padre di Dios...... il-missjunarju li ghammidni....

Missju: Il-habib tieghi Ping suldat?!

Ping: Iva, bhala sudditu Gappuniz sejhuli ghall-gwerra!.......

Missju: Qalbi nhossha tinqasam li ma nistax ngholli idi u nbierek bil-ghelm tas-salib.

Ping: Patri, xtaqt il-grizma........

Missju; Hawn fuq sidri qieghed iz-zejt tal-grizma, izda kif......
Halli ntik l-assoluzjoni (Ighid xi kliem minn taht il-lsien).
Suldat iehor riesaq lejn din in-naha, donnu qieghed ifittex
lil xi hadd......

## IT-TIELET XENA.

Ming, Ping u l-Missjunarju dejjem marbut.

Ming: (Jidhol liebes ta' suldat indjan bil-pistola f'idu jfittex lill-ghadu; malli jara lil Ping fl-art ikun se' jisparalu huwa) Xellerat!.........Qtiltni!! (Jaqa' fl-art).

Ping: Lehen Ming!.........

Ming: Ping......Gharaftek........Gharaftek!......

Missju: (Mistaghgeb) Dan huwa lehen Ming, ir-ras tat-tribu!

Ping: Ahfirli Ming..........Jiena, ta' sudditanza Gappuniza kelli ta' bilfors naqbad l-armi kontra tieghek u nsibu ruhna fuq il-kamp tal-battalja ghedewwa ta' xulxin.

Ming: M'ghandekx tort...........Mil i qieghed nara inti ferut ukoll?

Ping: Demmi hiereg kollu!......

Ming: It-tnejn xerridna demmna ghal art twelidna, u wara l-maghmudija ta' l-insara tghallimna li m'ghandniex noboghdu lil xulxin, anzi nahfru bil-qalb.

Ping: Iva Ming, qalb generuza, ahfirli!

Ming: B'Qalbi kollha!..... Xewqa wahda ghandi: nixtieq fil-pont ta' mewti jkolli ma' genbi sacerdot!........

Ping: Hares hemm ma' dik is-sigra, dak huwa l-missjunarju li ghammidna.........

Ming; Padre di Dios marbut ma' sigra?!.......

Missju: Ibni, Ming! Inti tista' thollni?.........

Ming: Patri......sidri miftuh, hares kemm dmija! (Idahhal idu go hobbu u johrogha mcappsa bid-demm).

Missju: Imsejkna hrief tieghi! U jiena marbut hawn u ma nistax ninhall! Xtaqt naghmlilkom is-sakrament tal-grisma.

Ming: Xtaqt kieku nhollok, 'mma sahha m'ghandix.

Missju: Hadd? Hadd ma jigi jehlisni minn dawn il-hbula?

Ping u Ming ) (Jintelqu kwasi mejtin; ghal din ix-xena wicc il -missjunarju jinhasel bid-dmugh).

## IR-RABA' XENA.

Ruh Guda u ta' qabel, imbaghad San Mikiel u angli ohra.

Guda; (Jidhol figura ta' bniedem iddisprat, ghajnejh imberrqa, xaru mhabbel u hqejgu mqattgha). Hah ha, ha haj. Min hu dak illi jrid il-ghajnuna? (Imur quddiem il-missjunarju).

Missju: Hija, tkun min tkun, hollni minn dawn il-hbula.

Guda: (Ironiku). Hija? Inti qieghed titlef rasek? Jiena qatt ma nista' nkun huk.

Missju: Kont forsi inti illi rbattni ma' din is-sigra?.

Guda: Jiena iva, dak l-istess wiehed illi hemm, fuq il-gholja tal-kalvarju, qieghed lill-Imghallem tieghu fuq is-salib.

Missju; Inti huwa r-ruh ta'Erodi?

Guda: Le, jiena huwa r-ruh ta' Guda minn Iscarjota, ir-ruh indannata li qeghda tigri minn tarf sa tarf tad-dinja, ghaliex il-kastig, illi tani dak illi jiena ghal 30 bicca tal-fidda ttradejt, hu illi kull tant zmien nohrog mill-infern u mmur inzur il-gholja tal-kalvarju, biex hemm ingedded ir-rimors ghal dak id-demm innocenti u mmakulat illi jiena ttradejt.

Missju: Tidher il-htija stampata fuq wiccek! U ghaliex irbattni ma' din is-sigra?.

Guda: (Jidhaq) Ha, ha. haj! Ghaliex? Ghaliex din ix-xita ta' grazzi illi inti qieghed tigbed mis-sema permess tal-missjoni tieghek, jiena qieghed nara processjoni shiha ta' erwieh dehlin fil-genna, u jiena, bhala ruh indannata ghall-akbar

sakrilegg illi qatt deher taht ix-xemx, inhoss ghira kbira ghal dawn l-erwieh bejati, meta niftakar illi wkoll jiena kont wiehed mill-appostli maghzulin u mahtur biex naghmel dil-missjoni li qieghed taghmel int, u ghar-reghba tal-flus ittradejt lil min ried jaghmilni veru sinjur. B'daqsxejn ta' bewsa qarrieqa sallabt lil Kristu fuq is-salib! U issa arani jiena ninsab gewwa l-infern! U l-bnedmin xi whud minnhom jghid li ma hemmx infern. Hares kemm jahraq dak in-nar. (Jati daqqa b'idu fuq il-kwinti u tohrog lehha kbira tan-nar). Ghalhekk issa jiena ghajjur, u nixtieq illi l-erwieh kollha jigu jaghmluli kumpanija gewwa l-infern, fejn l-arlogg idoqq biss is-sighat ta' l-eternita! Eternita! Eternita!!

Missju: Tal-biza!!

Guda: Jiena hlift illi neqred il-missjunarji kollha tad-dinja.

Missju: Ruh infelici li tlift tezor bhal dak...... Isa hollni minn dawn il-hbula.

Guda: Le ma nhollokx; jiena naf illi inti tridni nhollok sabiex tamministra s-sakrament tal-grizma lil dawk iz-zewg moribondi, 'mma jiena dan il-pjacir ma natihulekx.

Missju: Fl-isem ta' Gesu ngeghlek thollni.

Guda: La ssemix dan l-isem! Jiena wkoll darba, rcevejt il-Gisem ta' Kristu gewwa sidri, izda gewwa mohhi, kelli diga l-hsieb illi nittradixxi lill-awtur ta' dan il-kbir sakrament; ghalhekk dik it-tqarbina kienet sakriliga; jien dak il-Misteru tal-Hobz imbierek, fgajtu bid-dnub! Jiena allura, supperv aktar minn lucifru, mahfra lil Gesu ma tlabtux, u issa ninsab fejn ninsab.

Missju: Tara ruh infelici, kieku inti tinsab fis-sema bhala kewkba l-aktar sabiha mal-hdax appostli l-ohra.

Guda; Iva, 'mma jiena nqas l-ahhar stedina li ghamilli l-Imghallem meta sejjahli; "Habib" ma wegibt ghaliha, u kienet id-disperazjoni li wasslitni fl-infern!

Missju: Issa ma hemmx aktar rimedju. Spirtu hazin inti rbattni u nikkmandak illi thollni u wara titlaqni.

Guda: Ma nhollokx; anzi nibqa'hawn biex zgur ma nhalli lil hadd jersaq ma' genbek..........Kont jiena li hajjart lil dawn it-tnejn biex jigu joqtluk u wara jipprofanaw il-Misteri li kellek mohbijin fuq sidrek.

Missju: Izda ghidli xi swielek! Huma rcevew il-maghmudija u kkonvertew ghal dak Kristu li int ittradejt.

Guda: Iva xellerat! L-ebda wahda ma tigini dritta! Imma jiena issa rrid intemmek darba ghal dejjem.

Missju: Int setgha fuq il-hajja tieghi m'ghandekx.

Guda: Halli nara min sejjer ihollik minn dan l-irbit. (Jibda jafas aktar il-habel li bih marbut il-Missjunarju). Mut! Mut!

## IL-HAMES XENA.

S. Mikiel, zewg angli u ta' qabel.

S. Mik; (Jidhol dejjem bit-torca tixghel f'idu).

Missju: Id-dawl tat-torca!

S. Mik; (Jaghmel sinjal bix-xabla; ghal dan is-sinjal jidhlu zewg angli u jmorru jhollu lill-Missjunarju, u jwarrbu ruhhom fil-genb).

Guda: (Mistaghgeb). X'Inhu li qieghed jigri?! Aktar ma naghfas il-habel aktar qieghed jinhall. (-angli jhollu lill - Missjunarju ghal kollox).

Missju: Prodigju! Jiena ninsab mahlil! It-torca mirakuluza!

Guda: Disperazjoni! Jiena nafha biz-zejjed il-qawwa ta' Gesu, ghaliex rajtu b'ghajnejja jaghmel il-mirakoli, u jhares lid-dixxipoli tieghu. Anqas jekk johorgu d-demonki kollha mill-infern ma jqaqqghu caxa wahda minn ras il-ministri tieghu.

S. Mik: (jaghmel sinjal bix-xabla biex ikecci lil Guda).

Guda: X'Jiena nara? Il-messagier tas-sema gie biex ikeccini.
Missju: Mela itlaq.
Guda: Tajjeb, fejn tridni immur?
Missju: Ghib ghal dejjem minn fuq wicc dina l-art, nikkmandak fl-isem t'Alla.
Guda: Jiena iva nhalli dina l-art, li isimha biss ikexkixni, 'mma l-ghamar tieghi ga ghaziltu ... Ejja hares hemm lejn dik il-pjaneta, dik il-kewba liebsa l-mant tad-djamanti li qeghda tixghal u tintefa, dik jisima Venere, gewwa dik l-isfera tinsab l-isbah Sultana jisimha Gelsina, ruh safja bhal gilju, u jiena gewwa dil ir-ruh sejjer inwaqqaf it-tron tieghi. Hemmek f-dak il-gholi ma hemms biza' illi l-ministru t'Alla jigi jkeccini. Inti biss ghandek il-qawwa tkeccini, u inti sa hemm fuq ma tasalx; le ma tasalz.
Missju: Alla Huwa is-Sid tas-Sema to l-art, Huwa jista'kollox.
Guda: Le sa hemm fuq ma tasalx, minn hemm ma tkeccinix. (Isabbat fl-art lill-missjunarju u jahrab. Iz-zewg angli jerfghuh).
Missju: L-istess idejn rotob, bhat-tajjar regghu refaghuni.... Oh! Msejkna ruh ta' Guda; "Bosta huma l-imsejhin, izda ftit huma l-maghzulin."
Ming: (Jitharrek u jiftah ghajnejh.) Il-Grizma .... il-Grisma!
Ping: L-ahhar konfort! (jiccaqlaq.)
Missju: Huma ghadhom hajjin. (Imur ma' genb Ming u Ping) Hawn fuq sidri ghandi z-zejt tal-Grisma, uliedi, ghidu gewwa qalbkom l-att ta' l-indima. (Johrog minn hobbu teka bit-tajjara, l-angli jinzlu ghar-rkobbtejhom, il-missjunarju jidlek biz-zejt lil Ping u lil Ming fuq gbinhom).
Ming: Issa mmut kuntent! (Juri ghajnejh ferhana.)
Ping: Liema ferh! (Juri ghajnejh ferhana.) Ming! .... hallini nghannek u nbusek.
Ming: Jiena ukoll! (Jibdew jitkarkru bit-tbatija lejn xulxin sakemm jirnexxilkom ibusu lil xulxin.)
Ping) Ming): Patri....... berikna.
Missju: Tkuna mberkin uliedi. (Iberikhom ghall-ahhar darba.)
Ping) Ming): (Bid-dahqa f-fommom imutu jghidu l-Ave Marija.) Sliema ghalik... Marija... bil-grazzja ..... mimlija (ma jifilhux ighidu izjed.)
Missju: Is-Sinjur Alla mieghek...(jibqa' jghid go qalbu.)
Ping: Qieghed narah....anglu sabieh bi gwenhajh tad-debeh..... Qieghed narah!.. (jispira.)
Ming: Anglu liebes ta' gwerrier..... qieghed narah jiena wkoll... San Mikiel.... Hudna..... gewwa l-.. genna...Mieghek! Hudna gewwa l-genna! (jispira.)
Missju: Huma raw l-Anglu t'Alla. Hekku mela dik it-torca li ila tikkumpanjani mill-bidu tal-vjagg, ma hux hlief S. Mikiel u jien ghad ma kellix ix-xorti narah.
S. Mik: Inti ghad tarani meta ghajnejk ikunu qeghdin jinghalqu ghad-dawl tax-xemx.
Missju: O lehen ta'kbir misteru, li ma narakx, sahha, 'mma la thallinix izjed.
S.Mik: Jiena nibqa' mieghek, u kull fejn tmur issibni dejjem mieghek sal-mewt.

Tibdil ta' Xena.

(Is-separju jinzel ghal ftit u jarga' jitla' malajr. Issa x-xena regghet giet dik ta' l-ewwel att u fuq il-palk ma hemmx hlif il-missjunarju qieghed ihares lejn is-sema).
Missju: Tajra, tajra kbira, donnha ajkla, imma fuq gwenhajha donnu ghandha n-nies rekbin, Sultan mal-pagg tieghu, niezla, niezla ghal gewwa x-xmara, is-sultan niezel, riesaq 'l hawn ..... zaghzugh helu qisu anglu......

L-AHHAR XENA

Honsildo bil-pagg mieghu u l-missjunarju.

Honsil: (Jidhol liebes ta Sultan, bil-kurana f'rasu u mant ahmar mizmum min tfajjel bil-gwienah kemm kemm mistur b'mantell ckejken fuq il-laham u xuxtu qisha deheb; jibqghu dehlin f' nofs il-palk u jghid lill-missjunarju). Inti huwa l-Ministru t'Alla.

Missju: Biex inservi l-Majesta tieghek; u inti xi sultan, hux tassew?

Honsil: Jiena huwa s-sultan Honsildo, rappresentant tal-isfera Mercurjo, dik il-pjaneta li tinsab l-aktar grib ix-xemx.

Missju: Dan l-isem mhux gdid ghalija.

Honsil: Nahseb.... Lil Mercurjo r-Rumani kienu jadurawh bhala alla taghhom; izda huma kienu bil-bosta mqarqin, ghaliex Alla huwa wiehed biss, dak li halaq is-sema u l-art u kull ma fihom jinsab.

Missju: Tidher illi inti gharef bil-bosta. U lili inti kif tafni? Jiena lilek makont rajtek qatt qabel.....

Honsil: Ismani: Ga ghidtlek illi jiena s-sultan tal-pjaneta Mercurjo u hadt l-isem ta' Honsildo bhalma kien jismu missieri. Filwaqt li jiena kont ghaddej fuq tajra biex immur fil-pjaneta Venere, niltaqa' mas-slaten l-ohra, nilmah anglu sabih bi gwienhajh tal-fidda u f'idu kellu ktieb tad-deheb, jiena staqsejtu: "Fejn sejjer, anglu sabih?" Huwa wegibni:"Hares hemm isfel fil-pjaneta msejha Art, intix qieghed tara lil dak il-bniedem liebes l-abjad tiela' fuq l-gholja mmexxi mill-angli shabi? Dak huwa ministru tal-Mulej mghoni bl-akbar grazzi ghall-gid li qed jaghmel ma' l-erwieh! L-opri tieghu huma kollha miktubin b'ittri tad-deheb fuq dan il-ktieb".

Missju: Jiena inhossni li ma jisthoqqlix dan kollu li qieghed tghidli. U fiex nista' naqdi lill-Majesta' tieghek?

Honsil: Hawn jien nisma' lehen izarzar bhal tromba tal-fidda u ghidli: "Inzel hemm fuq l-art u gib mieghek lil dak il-missjunarju"

Missju: X'Nista' niswa jien f'dawk id-dinjieta ta' hemm fuq, sultan Honsildo?

Honsil: Ghandek tkun taf illi ahna s-slaten li nsaltnu fil-pjaneti Marte, u Mercurjo, Gove, Venere u Saturno kull 25 sena naghmlu kungress, bhala tifhir lil dak li halaqna, u ghalhekk din id-darba ghazilna l-pjaneta Venere, fejn waqqafna l-arka tal-Hallieq u hemmek sejrin isiru festi kbar, u hija xewqa taghna illi k-kometa Art ikollha r-rappresentant taghha wkoll; ahna m'ghazilnies sultan bhalna, 'mma rridu ministru t'Alla illi ghandu s-setgha igib mieghu lil Gesu' Kristu, ghaliex kif qalli dak l-anglu; "Il-persuna tieghek hija l-istess Gesu Kristu."

Missju: Dan ma nistax nichdu ghaliex qalu Huwa Stess: "Dak li thollu u torbtu intom fl-art ikun maghmul fil-sema".

Honsil: Hux veru li fuq dina l-art intom kellhom ix-xorti tircevu l-Iben t'Alla maghmul bniedem?.

Missju: Huwa veru; gie biex jifthilna l-bieb tas-sema.

Honsil: Huwa veru li sallabtuh fuq salib?

Missju: Nisthi nghidlek illi wkoll dan huwa veru!

Honsil: Inti qieghed tibki? !

Missju: Forsi ma humiex hwejjeg li ghalihom ghandna nahslu l-art bid-dmugh? !

Honsil: Oh! Kieku din ix-xorti messet lilna, kieku konna nilqghuh fl-akbar palazzi u nlibbsuh il-porpra tad-debeh bhall-akbar sultan. Hemm fuq, fl-isferi taghna, kellu bil-bosta fejn jitwieled u jghammar isbah minn din l-art.

Missju: U fuq din l-art ma tarax hlief gwerer u mibeghda; hekk hallasnieh lil Gesu!

Honsil : Ahna l-abitanti ta' hemm fuq gwerer qatt, infatti hares lejn il-fermament, kull kewkba timxi t-trieq taghha, tobdi u tfahhar lill-Krejatur fl-akbar paci u armonija.

Missju: Fuq din l-art l-isem t'Alla huwa mzeblagh, u kulhadd jisraq u joqtol lil xulxin: ukoll is-sacerdot mhux dejjem irrespettat.

Honsil: U kif, Alla ghadu m'gharraqhiex dina l-art?

Missju: Huwa ippermetta x-xita tal-bombi biex il-bnedmin jindmu ghaliex Huwa jrid isalva lil kulhadd permez tas-sacerdot. Pero huma miljuni l-qaddisin li carcru demmhom ghall-imhabba tieghu.

Honsil: Is-sacerdot huwa inti li ghandek is-setgha ssejjah il-Hobz ta' l-angli fuq l-artal. Gejt naf ukoll illi inti tabib ta' l-erwieh, u dan jinterassani bil-bosta, ghaliex hemm fuq gewwa l-pjaneta Venere fejn ghandu jsir il-kungress, ghandna s-sultana Gelsina marida B'Marda illi l-ebda tabib ghadu ma seta' jfejjaqha, marda illi hemm fuq ghadha ma hix maghrufa; 'mma s-sultan Vestore, kugin taghha, bil-bosta gharef, ighid illi l-marda taghha qeghda fir-ruh, u ghaldaqstant hadd ma jista' jkun it -tabib taghha jekk mhux inti, li fik tinsab il-qawwa li tfejjaq l-erwieh billi tkecci d-demonji....Ekku s-skiet tieghek ighidli illi dan huwa veru. Mela imxi mieghi gewwa l-pjaneta Venere u tara hemmhekk Alla kemm huwa mahbub. (Jinstemghu qniepen bhal timpani). Isma', hemmek diga' bdew idoqqu l-qniepen: sejrin jatu bidu tal-kungress. Imorru, dik it-tajra qeghda tistenniena.

Missju: Gesu' gie fid-dinja ghal kulhadd u jiena kulfejn hemm ruh li nista' nsammalha l-kelma t'Alla nigi kullimkien. Gesu' huwa tal-hniena, Huwa jmur ghand kulhadd bil-lejl b bi nhar, fix-xita u fix-xemx, ghand l-ghani u l-fqir. Huwa jmur kullimkien.

Honsil: Oh! Liema ferh, hemm fuq ahna sejjer ikollna x-xorti li nilqghu ghall-ewwel darba lill-ministru t'Alla, fejn sejrin naghmlu festi kbar biex impattu ghan-nuqqas ta' mhabba li l-bnedmin jonqsu lejn dak l-isem, illi l-art u s-sema jirtghodu taht riglejh. Immorru qabel ma nsibu lis-sultana Gelsina fgata taht id-dwiefer ta' Belzeba. (Huma u hergin jinzel is-separju malajr).

TMIEM TAT-TIENI ATT.

## IT-TIELET ATT ( BIL-LEJL)

Ninsabu fil-pjaneta Venere, L-isfond tax-xena frieghi tas-sigar l-aktar fantastici li ma humiex bhal ta' l-art, wara s-sigar hemm pingut il-qamar kwinta li r-raggi u d-dawl tieghu jinferxu ma' l-isfond kollu; il-kwinti li jiffurmaw il-gnub ghadhom dejjem ta' l-atti l-ohra; mal-lemin hemm it-tron tas-sultan Silvente maghmul minn nofs qamar, max-xellug hemm tron iehor tas-sultan Sitrida maghmul minn kewkba bix-xuxa, u fil-fond tax-xena hemm it-tron tas-sultan Vestore maghmul minn zewg kwiekeb bix-xuxa li jifformaw bhal ark u tahthomm siggu maghmul mill-fjuri kbar. Mis-sema hemm imdendlin kwiekeb ta' kull daws u ta' kull lewn, ukoll mal-kwinti 'L hawn u 'l hinn hemm indendlin minn dawn il-kwiekeb bejn wiehed u iehor bhal ta' l-atti l-ohra. Ma' tul dan l-att id-dawl jitbiddel seba' darbiet

### L-EWWEL XENA.

(Hekk kif jitla' s-separju s-slaten Silvente, Sitrida u Vestore jinsabu taht it-tron taghhom libsin ta' slaten b'ilbies fantastiku kemm jista jkun; f'nofs il-palk hemm diga lesti kor ta' tfai illi jghixu fil-pjaneta Venere. Dawn ikuna libsin il-harir ahdar, wicchom lewn roza, rashom hierga minn gewwa warda u xuxithom maghmula wkoll minn hafna ward zghir midmum bhaz-zibeg; dawn jaqbdu jkantaw innu lix-xemx.

Vest: (malli jispicca l-innu jqum minn fuq it-tron). Bravi ulied id-dawl, xejn ma jisoghob bija illi hallejt is-saltna tieghi biex nigi nghaddi ftit jiem maghkom;il-pjaneta Venere tista' tkun hienja tas-sew bikom, ghaliex taghmlula l-gieh; jiena bhala sultan rappresentant tal-pjaneta Saturno, li gejt hawn biex nippresiedi ghal dawn il-festi kbar ta' dan il-kungress, wara il-festi rrid nistedinkom biex tigu dduru l-palazz tieghi. Jisghob bija bil-bosta pero' illi s-sultana taghkom ma tkunx tista ' tigi. Intom tafu illi c-ckejkna sultana Gelsina ta' din il-pjaneta Venere, hija kugina tieghi? U tafu wkoll illi hija marida bil-bosta? Hija marida b'marda illi l-ebda tabib ghadu ma seta' jfejjaqha, 'mma nittamaw illi ma ndumux ma naraw hawnhekk lis-sultan Honsildo illi mar biex igib meighu l-ahjar tabib illi jinsab fil-pjaneta msejha Art, illi kif jghidu huwa biss ghandu s-setgha jfejjaqha bhala ministru t'Alla , ghaliex jiena studajt fuq il-kotba, u sibt illi l-ministri t'Alla li jinsabu fil-pjaneta Art, ghandhom qawwa kbira fuq id-demonji, u jekk ikolli nghid illi l-kugina tieghi Gelsina hija pposseta mid-demonju! Mela, ulied id-dawl,issa morru ma' genb l-arka tas-sinjur u itolbu, ghaliex dalwaqt naraw hawnhekk lill-ambaxxatur Honsildo bit-tabib mieghu, biex lis-sultana taghkom itiha l-paci u l-mistrieh. (it-tfal jitilqu).

Silv: Sultan Vestore, insa ghal ftit lill-imsejkna kugina tieghek u mitkellmu ftit mill-ghogbijiet li rajna f'din il-pjaneta Venere. Liema gmiel, qatt ma naf illi tghaxxaqt dakshekk fil-hajja tieghi! Mhux ta' xejn illi l-firmament ghazel lil din il-pjaneta Venere ghal dan il-kungress, ghaliex f'din l-isfera xieraq wisq, illi hemm gew f'dak it-tempju tad-deheb, tigi mwaqqfa'l-arka tal-Mulej, fuq il-kolonni bil-girlandi tal-fjuri. Din id-dinja hija den illi tilqa' gewwa fiha l-kobor ta' din id-dinjita'.

Sitr: (Lahmu iswed). Aktar ma wiehed ihares aktar jeqghu taht ghajnejh hwejjeg sbieh, li jistidnuk biex dejjem izjed thobb lill-Awtur ta' dan il-holqien. Xi tghiduli ghal dak il-palazz ta' l-illuzjoni, li hemm fil-quccata ta' din l-gholja? Jiena ghaddejt ma' l-elfejn u hames mitt kolonna ta' l-ebbanu, fis-saqaf hemm pinguta l-istorja ta' Adam u Eva, meta gew imkeccijin mill-genna ta' l-art, u l-pavament ta' l-alabastru; imbaghad is-sala tal-pranzu tas-sultana Gelsina hija miksija bil-plantonu mis-saqaf sa l-art.

Silv: Iva, o sultan Sitrida, rajt ukoll il-museum mimli bit-tajr, u fis-saqaf hemm imdendlin hames mitt linfa tad-djamanti illi l-ebda ghajnejn ma huma capaci jharsu lejhom.

Vest: Nifhem jiena illi intom tridu tnissuni l-istat tal-kugina Gelsina, 'mma nkomplu mitkellmu ftit fuq ir-rappresentant li bhal issa telaq mill-pjaneta Art u dalwaqt ikun hawn naghna. Intom li studjatu bhali fuq il-grajja ta' din ic-ckejkna pjaneta , irrid nghid jiena l-Misteru tal- Messija, intom xi tghidu?. Min tghidu li huma dawn il-ministri tal-Mulej illi fihom tinsab dik il-qawwa kollha illi jghidulna l-kotba?

Silv: Jiena naf nghidilkom xi haga fuq dik il-pjaneta u l-grajjiet taghha; meta ghamilt il-vjagg tieghi hemm isfel rajt hwejjeq t'Alla maghmul bniedem jitwieled tarbija gewwaghar u l-omm tieghu kienet immakulta minghajr tebgha ta' dnub, imbaghad rajtu jmut fuq is-salib, wara jirxoxta qalb miljuni ta' angli, 'mma kif dejjem ighallmuna l-kotba,qabel ma dan tela' fi hdan il-Missier Tieghu Etern, huwa halla lilu n-nifsu fil-hobz Ewkaristiku, u halla lill-ministri tieghu biex jamministraw minn floku dan il-kobor tal-misteru.

Vest: Inti kwasi trid tghid illi dan il-ministru li dalwaqt jigi jzurna qisu Kristu iehor fuq l-art?

Silv: Kollha l-ministri t'Alla fuq l-art ghandhom is-setgha jbiddlu l-hobz fil-Gisem mistiku ta' Kristu.

Vest: Jiena jekk ma narax b'ghajnejja ma nemminx; jekk huwa jfejjaq lill-kugina tieghi Gelsina jiena nemmen fil-qawwa tieghu. (Jinstema' daqq ta' tromba)

Sitr: Hawn hu l-ambaxxatur taghna, is-sultan Honsildo wasal.(Imur ihares). Ejjew arawh tiela' fuq shaba bajda tal-fidda .... Miexi fuq il-qawsalla. (Vestore u Silvente jmorru jharsu). Il-qawsalla bidlet il-lewn. (Il-palk ibiddel il-lewn tad-dawl). Il-kwiekeb qeghdin iroxxulu l-ward...... Qieghed ibus lill-qamar, il-qamar dahaqlu..........

Silv: Huwa ma hux wahdu...... ghandu mieghu l-personagg illi qeghdin nistennew.

Vest: Huwa l-ministru ta' l-Altissimu liebes kollu l-abjad. Irrid nara jekk hux veru li huwa tabib tar-ruh. Kulhadd jitla' fuq it-tron tieghu. Huwa gej, ghoddu wasal. (It-tliet slatedn imorru joqoghdu fuq it-tron).

## IT-TIENI XENA.

Missjunarju, Honsildo u t-tliet slaten ta' qabel. L-ewwel jidhlu t-tfal ixerrdu l-fjuri, fuq il-fjuri jidhol il-missjunarju akkumpanjat mis-sultan Honsildo, it-tfal jitqassmu ftit kull naha; id-dawl tal-palk ibiddel).

Honsil: Eccelsi slaten, ghandna l-kbira xorti, u jiena ghandi l-unur illi nippresentalkom ghall-ewwel darba l-akbar dinjita' li tinsab fil-pjaneta Art; ekku l-ministru ta' L-Altissimu, illi sejjer jirrapresenta lil din in-nobbli pjaneta; nghidilkom nobbli, ghaliex hemm isfel fuq dak it-trab, kellhom ix-xorti jmissu b'idejhom lill-Messija. (Lill-Missjunarju). Dinjita, inti hawn tinsab fil-pjaneta Venere fejn ghandu jsur il-kungress, u dawn huma s-slaten illi gew mill-pjaneta l-ohra. Silvente, Sultan tal-pjaneta Marte, Sitrida, sultan tal-pjaneta Gove, u Vestore, huwa l-imperatur tal-pjaneta Saturno. (Ghat-tfal). Dawn huma ulied id-dawl.

Missju: (Mistaghgeb). X'ghageb ta' dinjiet! - U ta' abitanti! (lis-slaten). Is-sliem ghalikom o kbar slaten li tghixu taht ix-xemx.

Vest: Is-sliem ghalik ukoll ja mibghut mill-Mulej. (iqum bil-wieqfa).

Sitr: (Iqum bil-wieqfa ukoll). Ikun imbierek il-guf illi wriek ix-xemx u libbsek ix-xbieha tas-Sinjur.

Silv: Ikun imfahhar dak illi diliklek qighan idejk biz-zejt u u ghamlek sunjur ta' l-artal.

Missju: Jiena gibtilkom is-sliem ta' art twelidi bhala rappresentant. Meta jienamill-art kont inhares 'il fuq u nitghaxxaq bil-firmament mimli bil-kwiekeb, ileqqu qishom djamanti, kont nahseb illi hawn fuq desert u jghammar biss is-skiet: ma konts naf illi f'dawn il-pjaneti jinsabu erwieh xbiehiet t'Alla mahluqin biex ;*ghalhekk bhala ministru t'Alla nhossni ferhan, illi ukoll hawn fuq nista' naghmel il-gid u nsalva l-erwieh.

Honsil: Xi hjiel itik hawn fuq? Hares ftit lejn dik il-panaroma ** ta' dik il-wita.

Missju: Jekk gewwa kewkba jinsab dan il-gmiel, x'hemm gewwa l-genna?! OH! kemm huwa kbir il-holqien! X'ghageb ta'sigar u ta' frott! L-art taghnadan il-gmiel ma tafx bih, id-dnub iddegenera kollox. O Mulejja Alla tieghi kemm hija kbira l-opra ta jdejk!

Honsil: Kellix ragun nghidlek illi intom kontu xxurtjati, ghaliex li ried Gesu' kellu fejn jitwieled isbah mill-art taghkom?

Missju: Iva, izda hemm tidher il-hniena ta' min halaqna, dik il-hniena li Gesu' ghandu ghall-midinbin. Ghalhekk huwna ghazel il-fqar.

Silv: Hawn fuq ma jonqsux il-gmiel u l-gid, u anqas il-fidi (ġrat) A'min halaqhom, ghaliex l-inni (jet) ta' tifhir johorgu mill-hluq ta' kulhadd.

* itrobbastu.

Sitr: U hemm fuq, o dinjita ta' l-Altissimu, ma inti tara xejn? Il-qamar liebes il-mantell miksi bil-fosos tar-rubini, u x-xemx illi minnha ahna niehdu d-dawl hija liebsa l-mant mill-lewn il-porpra miksi bid-deheb, u l-kwiekeb ta' madwarna kull wahda donnha qeghda tqattar ix-xrar, huma l-wens ta' bil-lejl. X'inghidu mbaghad mill-gebel prezjuz ta' dawn id-dinjiet.

Missju: Inhossni qieghed fil-genna!

Sitr: U dan ma hux hlief dell ta' dak illi ghadek ma rajdx.......

Honsil: Dina l-pjaneta Venere hija l-aktar pjaneta li toqrob lejn l-art taghkom, hawn jinsabu widien, gholjiet, zmajjar, ghasafar u hut bil-bosta kbar. Ukoll l-abitanti ta' dawn id-dinjiet taghna ghandhom l-istess xbieha ta' wlied l-art.

Missju: Huma kollha wlied Alla, ghalhekk igibu x-xbieha tieghu .

Silv: Dina l-pjaneta tbiddel id-dawl seba' darbiet kuljum. (Jitbiddel id-dawl tal-palk)

Vest: Mma ahfruli, intom sejrin toqoghdu tintilfu f'dawn ix-xejxi: il-ministru t'Alla gie hawn ghal hwejjeg wisq izjed importati minn dawn. Nitlobkom, nahsbu l-ewwel f'dik ir-ruh tas-sultana Gelsina, li tant qeghda tbati. (Lill-Missjunarju). Dinjita, jiena qrajt fil-kotba taghna illi intom il-ministri tfejqu l-mard kollu tar-ruh, huwa dan veru?

Missju: Iva veru, u ghalhekk l-aktar illi jiena gejt hawn fuq biex infejjaq lis-sultana taghkom qabel ma tghatu bidu ghall-kungress.

Vest: Inti diga taf bil-marda tal-kugina tieghi?

Missju: Naf,o sultan Vestore.

Vest: Dina l-kugina tieghi kienet l-isbah tfajla fost it-tfajliet , il-gilju hada ruhha u l-warda hada wiccha ma kienu xejn; 'mma issa saret donnha frotta midbiela, u ghajnejha saru donnhom gamar tan-nar; nahseb illi dahal fiha l-ispirtu tad-dlamijiet; inti xi tghid?

Missju: Jekk huwa hekk xejn taqta' qalbek, o kbir sultan, fl-isem tal-hanin Alla infejquha. (Jinstama' ghajjat u twerzieq minn gewwa)

Vest: Isma', hija m'ghandhiex kwiet.......Ministru ta' l-Altissimu, jekk inti tfejjaq lill-kugina tieghi mhux biss li jiena nemmen fil-qawwa tieghek, izda bir-rigal illi ntik inti tkun ghani aktar mis-slaten kollha ta' l-art.

Missju: Jiena ma rrid xejn, ir-rigal jigini minn gewwa s-sema.

Vest: (Johrog u jgib mieghu lis-sultana Gelsina).

## IT-TIELET XENA.

Gelsina u ta' qabel kollha.

Vest: (Jidhol u mieghu Gelsina liebsa libsa bajda twila, xuxitha mahlula u mixhuta fuq spallejha, ghajnejha mberqin u mizmuma minn Vestore) Ekku, ministru t'Alla, din hija l-marida; Gelsina, dan huwa t-tabib.

Gelsi: (Tghajjat bhal iddisprata). Hawn fejn gibtuni?! Ukoll hawn fuq jiena sibt ruhi quddiem dak li jiena shett fuq l-art! Halluni ghax noqtolkom il-koll! (Tistabat ma' l-art).

Honsil: Intix tara, Ministru, din is-sultana kienet tghix dahqana, qatt ma kienet taf x'inhuma dwejjaq, kienet torqod fuq sodda tal-ward, fost id-daqq ta' l-arpi, il-hajja taghha kien donnha dahqa ta' April, u hija wkoll bil-lehen helu taghha kienet ta' spiss tfahhar lill-Mulej. Issa milli tidher hija giet ippossess ata mill-ispirtu tad-dlamijiet, u tilfet il-mistrieh, ma taghmilx hlief tghajjat u tghati fuq wiccha bil-ponnijiet.

Missju: Kulhadd ghandu s-salib tieghu.

Vest: Dinjita, ghidli nitolbok: tahseb li hija tfieq? Jekk inti tista' tfejjaqha inti ghandek tfejjaqha.......

**Missju:** Ghal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir. (Imur jaqbad lil Gelsina minn drieghha u jqajjimha). O Sultana, qum minn qalb dak it-trab.

**Gelsi:** (Tqum u tihrax). Ghidtilkom halluni; il-presenza ta' dan il-ministru nhossha qeghda ssawwatni b'nerv tal-hadid! Halluni!! Halluni!!!

**Vest:** O ministru tal-Mulej Alla, jekk huwa veru illi inti ghandek is-setgha tal-Messija, iftah, nitolbok dawk id-dirghin u uri l-qawwa li ghandek fuq l-ispirtu ta' l-infern.

**Missju:** Dalwaqt inferrahkom il-koll. (lil Gelsina). O sultana Gelsina, ghidli ghall-anqas x'in hi l-marda tieghek.

**Gelsi:** Inhoss mostru ta' l-infern imqabbad mieghi lejl u nhar! Halluni.!.......

**Missju:** Qieghed mifhem kollox: dawk il-kliem tar-ruh indannata ta' Guda meta kont marbut ma' dik is-sigra. Qalli huwa stess meta jiena keccejtu minn fuq l-Art; li kellu jigi hawn biex iwaqqaf it-tron tieghu gewwa din ir-ruh l-aktar [illegible] safja. Huwa rnexxielu, u issa l-ispirtu tieghu jinsab iggranfat ma' l-ispirtu ta' din is-sultana. (Lil Gelsina). Kristu kelly s-setgha illi jkecci d-demonji u din s-setgha Huwa taha lilna wkoll, is-sacerdoti. Ghalhekk fl-isem ta' dan Alla li jista' kollox, ghidli min inti?!.

**Gelsi:** Jiena min jien, minn hawn ma nitharrikx.

**Missju:** Qieghed nikkmandak fl-isem tal-Missier, ta' l-iben u ta' l-Ispirtu s-Santu: ghidli min int?!

**Gelsi:** Jiena huwa r-ruh indannata ta' Guda.

**Missju:** Halli fil-paci lil din ir-ruh!

**Gelsi:** Lem na jkun qatt, ma nhallihiex! Jiena kont nahseb li hawn fuq il-ministru t'Alla ma jilhaqnix u ma jkollux setgha fuqi, 'mma jiena nsejt illi l-Imghallem tieghi kien qalilna: "Lilkom dixxipoli tieghi intikom is-setghat kollha, ukoll dik illi tkeccu d-demonji". U ghalhekk inti, Ministru t'Alla, gejt tippersegwitani hawn fuq ukoll?!

**Missju:** Jiena iva gejt, u sejjer nghidlek ghall-ahhar darba: fl-isem tas-Santissima Trinita, halli lil din ir-ruh fil-paci.

**Gelsi:** Oh! Ja mishut! Ergajt irbahtni ghal darb'ohra!! (Ma' din il-kelma minn qalb vampi tan-nar johrog Guda u jakksam il-palk. Gelsina taqa' ghaxja fi hdan Vestore b'ghageb ta' kulhadd).

**Missju:** Slaten eccelsi, intom tinsabu mehlusin mis-serp velenuz ta' l-infern, ir-ruh indannata ta' Guda marret fil-post li jixirqilha. Issa taraw kif is-sultana taghkom terga' tkun ferhana bhala warda verginali, u r-ruh taghha tkun bajda bhal gilju aktar sabieh minn qabel biex maghkom tfahhar lill-Mulej.

**Gelsi:** (Tiftah ghajnejha u tigi f'sensiha sewwa, u fuq ghajnejha tidher id-dahqa tal-hena u l-ferh). X'ghadda minn ghalija!... Jiena fejn kont na nafx. Issa quddiemi qieghda jidher car kollox ........ Jiena ninsab mill-gdid fis-saltna tieghi. Liema paci qeghda targa' ssaltan f'din il-qalb!

**Vest:** (Ihaddan lil Gelsina mieghu). Gelsina tieghi, inti tinsab imfejqa.

**Gelsi:** Iva, Vestore, bil-ferh inhossni rrid nghola 'l fuq aktar mix-xemx.'

**Vestore:** (lill-Misjunarju). Ministru ta' l-Altissimu, jiena s'issa kont ghadni ma emmintx fid-dinjita u l-qawwa tieghek, 'mma li rajt b'ghajnejja nemmen illi l-Messija twieled fuq l-art taghkom, u li int hadt din il-qawwa mid-divinita' tieghu. (Jaqla' l-gizirana tad-djamanti illi jkollu mdendla fuq sidru u jtiha lill-Missjunarju). Hu f'idejk, ministru t'Alla. Din hija l-wirt ta' l-ewwel slaten li rifsu fil-pjaneta Saturno, hija midmuma mil-frak tal-kwiekeb li prezza ma jafu hadd.

**Missju:** (Jiehu l-gizirana). Grazzi, din nohodha, imbieghha u l-flus taghha natihom lill-fqar.

**Vest:** Kugina tieghi, hares, dan huwa dixxiplu ta'Kristu li ahna gibna mill-pjaneta Art, dan huwa t-tabib li fejjqek;izzikhajr

lilu u lil-Mulej.

Gelsi: (Tbus id il-Missjunarju). Nizzikhajt ja bniedem gej minn Alla, jiena nhossni twelidt mill-gdid!

Vest: Morru gibulha l-kuruna rejali.

Sitr: (Johrog u jidhol bil-kuruna rejali illi jmur itiha lil Vestore).

Vest: Iqieghed il-kuruna f'ras Gelsina). O Gelsina, kont tlift it-tama kollha li nerga' nara fuq rasek din il-kuruna ta' saltnatek.

Gelsi: (Ghar-rkobbtejha quddiem il-missjunarju). O dinjita' xtaqt li bhal issa kelli l-ahjar ingwenti l-aktar ifuhu biex bihom kont nidliklek riglejk, bhala att ta' rikonoxxenza. Mela inti, o ministru, gegt apposta mill-pjaneta Art biex tfejjaq lili?

Missju: Iva, o sultana, jiena fejjaqtek fl-isem ta' Gesu' Nazzarenu.

Gelsi: Gesu' Nazzarenu dak li twieled minn Marija Vergni.......Nafha l-istorja taghkom, u hija bil-wisq interessanti.........Huwa veru illi ahna hawn f'dawn id-dinjiet ma kellniex ix-xorti li naraw lil Gesu', bin Marija Vergni, 'mma ahna hawn ghandna haga illi fuq l-Art intom zgur m'ghandkomx. Ejja hares ftit ma' genb dik ix-xmara. (Il-missjunarju jmur ma' Gelsina). Dik jisima s-sigra tas-safa.

Missju: Meta ahna fuq l-Art kellna lil Marija Omm Gesu, Hija kienet arka tas-safa.

Gelsi: Sewwa sewwa Marija, kif jirrakkontaw missirijietna. Marija hija u tiela' s-sema bir-ruh u bil-gisem misset dina s-sigra, u hares issa x'tibdila tal-ghageb saret fiha......Ukoll l-angli spiss jigu jitghaxxqu bil-bjuda tal-ward safi taghha.

Missju: Kemm hija sabieha s-safa! Dawk xi fjuri huma illi jiena qatt ma rajt bhalhom?

Gelsi: Dawk il-fjuri jifthu bil-lejl. Hares iz-zkuk ta 'din is-sigra. maghmulin mid-deheb, il-weraq mill-platinu u l-fjuri mill-kwiekeb, il-fwieha li jitfghu dawn il-fjuri tinnass mir-raba' sema.

Missju: Issa nifhem x'inhi l-fwieha li hawn hawn fuq, hija l-fwieha tas-safa! Jiena nafha biz-zejjed il-gmiel ta' din il-virtu' Gesu jitghaxxaq joqghod qalb il-gilji, 'mma bosta bnedmin ihobbu jghumu qalb it-tajn......Hemm fi xtut il-bahar, fejn is-safa hija mishuqa taht ir-riglejn.

Gelsi: Jiena rrid nikkonsagra s-safa' ta qalbi lil Marija.

Missju: Brava s-sultana Gelsina, fuqek jeqghu l-grazzi kollha tas-sema. (Iberikha).

Honsil: Issa nitlobkom kulhadd fil-post tieghu. Huwa l-waqt li natu bidu tal-kungress. (Kulhadd imur joqghod fil-post tieghu; il-missjunarju, Gelsina u Honsildo jibqghu f'nofs il-palk). Imiss lill-ministru t'Alla illi jiftah il-festi.

Missju: Mela nitolbu, u intom ghidu mieghi gewwa qalbkom; Ikun imbierek Alla, illi fil-holqien tieghu ismu jiddi bhal elef ta' xmux. Huwa Alla li kien minn dejjem, u jibqa' ghal dejjem. Dak li minn idejh hareg il-kobor tal-holqien, b'nifs halaq lill-bniedem, xehet lilna fl-art u l-kwiekeb fis-sema, isem il-Mulej jitkanta ma' l-arpi tad-deheb minn miljuni ta' Angli, u minn kull fomm ta' kull hlejqa li harget minn idejh. Huwa haqq bla tmiem, kobor bla qies. Ikun imfahhar u gglorifikat ma' ommu Marija Vergni, fost l-angli u l-qaddisin kollha tieghu. (Jitkanta innu lill-isem imqaddes t'Alla). Imma x'jien nara!........Ejjew harsu intom ukoll, o slaten, harsu x'inhu jigri fuq l-art.......taqtigha harxa bejniethom l-ajruplani........ Wiehed mill-ajruplani tefa' bomba kbira tal-biza!!.......Giet fuq knisja.....il-knisja saret gozz trab.... Il-Misteri ta' l-Ewkaristija taru fl-ajru!..... Il-Misteri tilghin 'il fuq........ Hemm torca tixghel quddiemhom........ L-ispeci waslu sa hdejna.... Id-dinja taghhom qeghda taghmini!.. ...... (Jghatti ghajnejh).

## L-AHHAR XENA.

San Mikiel u ta' qabel kollha.

S.MIK: (Jitla' mill-bokkaport b'idu x-xellugina jjzomm il-Misteri fuq sidru u b'idu l-leminija t-torca tixghel). Pax vobix,

Missju: Lehen il-Messaggier tal-Mulej rega'qiegħed jiggedded f' widnejja! It-torca ghadha dik li kienet.

S. Mik: Jiena weghidtek illi nkun mieghek kullimkien, ghaliex fejn hemm Alla hemm ukoll il-missaggier tieghu, ukoll Gesu' Kristu bhala Alla jinsab kullimkien. Ha, ilqa' fuq sidrek, jiena gibtlek lil Gesu minn qalb il-herba ta' dik il-knisja. Dina l-ostja fil-waqt solenni ta' l-Elevazjoni, kienet f'idejn is-sacerdot meta' bomba hallietu mejjet fuq l-artal, u jiena biex ma tigix ipprofanata gibthielek. Hudha, ghaliex inti biss jisthoqqlok illi zzomm bejn idejk dan il-Haruf Immakulat.

Missju: (Jiena (l-Misteri mkebbin gewwa korporal abjad). Liema ferh! O slaten, principjiet, ifirhu! Ahna b'ghajnejna m'ahna naraw xejn, 'mma kulhadd sama' dan il-lehen misterjuz - dan Huwa l-lehen tal-Messaggier t'Alla, dan l-anglu t'Alla gibilkom hawn il-Gisem ta' Gesu' taht l-ispeci tal-Hobz. Qed nghidilkom ifirhu, u inzlu ghar-rkobbtejkom sabiex tadurawh.

Kulhadd: Gesu!!! (San Mikiel jibqa' dejjem ma' genb il-Missjunarju).

Honsil: Liema xorti! L-ewwel darba illi f'dawn id-dinjiet deher Gesu' Ostja f'idejn il-ministru t'Alla!

Vest: Nixtieq nahslu bid-dmugh. Gelsina jmiss lilek illi turieh qalbek, ghaliex dak li ghamel mieghek dan il-ministru ghamlu fl-isem u mill-qawwa ta' dak Gesu' illi qieghed izomm fuq sidru.

Gelsi: (Tinzel ghar-rkobbtejha quddiem il-missjunarju). Gesu! X'isem ta' hlewwa! Kemm qrajt fuqu u qatt ma kelli x-xorti nilqghu fis-saltna tieghi. Issa Huwa jinsab hawn maghna. O Gesu kemm inhobbtok! Ghalkemm ghajnejja ma jistghux jarawk, 'mma jiena nemmen illi taht dak il-Hobz jinsab Alla li halaq is-sema u l-art. Gesu', dina qalbi rrid naghmilhielek artal, ghajnejja nqeghdhomlok fuqu bhal fjuri, fommi bhal incens, u dirghijja bhal zewg xemghat biex jixghalu quddiemek eternament.

Missju: Twajba sultana Gelsina, Gesu' ra qalbek, Huwa bil-grazzi tieghu dahal biex ighammar gewwa fik bhala gharus ta' ruhek, minn flok l-ispirtu hazin ta' l-infern.

Gelsi: Qed inhoss qalbi mfawra bil-hena! Ferh ma ghux ta' din id-dinja!! Ministru t'Alla, issa haga nitolbok.

Missju: Ghidli sultana.--

Gelsi: Illi inti tibqa' hawn maghna flimkien ma' Gesu!

Missju: U x'naghmel b'dawk l-erwieh li fadalli nsalva fuq l-art tieghu?

Honsil: Iva, ibqa' maghna, naghmlu zewg tabernakoli; wiehed ghal Gesu biex noqoghdu nadurawh lejl u nhar, u l-iehor ghalik biex tkun it-tabib ta' ruhna.

Vest: Le, minn hawn izjed lura ma tergax; hemm bzonn illi tibqa' maghna, imbaghad tara hawnhekk kemm tkun mahbub.

Silv: Halli mmur nati ordni sabiex jinghalqu l-kancelli tal-hadid kollha, u izjed ma tkunx tista' tohrog minn hawn. Ahna naghmlulek sodda tal-ward fejn tkun tista tistrieh.

Missju: 'Mma s-sodda ta' Gesu' kienet is-salib.

Sitr: Le, le, hemm bzonn illi l-ministru t'Alla jibqa' hawnhekk biex Satana ma jkollux qawwa jidhol hawn gew. Tfal, aghlqulu t-trieq. (It-tfal jimblukaw f'nofshom lill- missjunarju u jkantaw "Tu es sacerdos in seternum")

Missju: Ulied id-dawl,x'sejjer naghmel jiena b'dawk il-miljuni ta' bnedmin li ghad fadalli nikkonverti?

Honsil: Il-bnedmin ta' l-art kellhom maghhom l-Iben t'Alla u m'gharf-uhx, kellhom lill-ministru tieghu u ppersegwitawh.

Missju: Iva, Gesu' mis-sema nizel fl-Art bhala Haruf Immakulat biex jifdi lill-bnedmin u huwa qatluh fuq is-salib, izda tahsbu intom illi Huwa ma kienx jaf? Huwa dan ghamlu sabiex jiftah il-bibien tal-genna ghal kulhadd, ghal dawk li kienu, li huma u li ghad iridu jigu, U jiena nghidilkom: la tistaghgbux billi l-hrief ta' l-art daru ghar-rghaj taghhom, ghaliex fuq is-sodda tal-mewt lill-ministru t'Alla jsejhu biex ighal-qilhom ghajnejhom fil-paci u fil-mistrieh. Mela halluni mmur fuq dik l-Art imxarrba bid-demm tal-Feddej taghna Gesu'; u jekk qatt ghad tisimghu li wkollilili l-eghdewwa tal-knisja qatluni fuq salib ma' Gesu', hekk ukoll ghad tisimghu illi mis-sigra johrog iz-zahar u taraw kif il-hrief ma jdumux ma jfittxu r-rghaj taghhom.

Gelsi: Ghall-anqas qabel ma thallina ghid lil Gesu'jberikna min fuq is-sider tieghek.

Missju: Kulhadd jitbaxxa sa l-art, quddiem dan is-Sinjur ukoll is-slaten huma qabda trab, ghaliex dan illi sejjer jberikhom Huwa s-sultan tas-sema u l-art. (Kulhadd jinzel ghar-rkobbtejh; hawn jinstema' kant ta' l-"O Salturais Hostia" u wara t-"Tantam Ergo"; (il-misjunarju jbierek lil kulhadd bil-korporal li ghandu fuq sidru. F'dawwa wahda taqbdu bhal hlewwa ta' qalb, jiekol l-ostja u jaghlaq ghajnejh. (Kontra xena ta' kul-hadd ).

S. Mik: Alter Christus, issa inti tifhem ahjar ghaliex jiena qatt ma abbandonajtek, biex kif inti hdimt dejjem flimkien ma' Gesu' ma' Gesu' mghannaK ma' sidrek inti sejjer tmut, u jiena ninsab hawn biex naqbad dik ir-ruh sabieha tieghek u ntir biha fi hdan Alla gewwa l-glorja tas-sema.

Missju: (Jiftah ghajnejh). Jiena qieghed narah. Dak il-lehen ma hux misterjuz aktar ghalija; jiena rajtu..... il-princep ta' l-angli......San Mikiel..... Arkanglu.....Gie.....biex ..... jiehu.....r-ruh......tieghi!........(Jis-ira fi hdan San Mikiel)

S.Mik: Jiena kont qieghednindokra lill-missjunarju ma' genb il-mejda rajt ukoll il-holma tieghu, 'mma ekku illi l-mejda tbiddlet f'artal, l-ikel tbiddel fil-Gisem ghaziz ta' Kristu u l-holma tbiddlet f'rejalta, ghaliex huwa raqad ir-raqda ta' dejjem ma' Gesu'. (Jinzel is-separju).

TMIEM TAD-DRAMM.

Galea Carmelo, Salezjan.

l-24 ta' Mejju, 1943.

Sliema, MALTA.

= 0 - 0 = 0 - 0 = 0 - 0 =

N.B. Jekk wiehed isib il-kumdita', lill-missjunarju jpogguh fuq sodda bil-fjuri u jigi merfughmill-erba'slaten u Gelsina u t-tfal urajh, idawruh dawra mal-palk fost kant u muzika.

= 0 - 0 = 0 - 0 * 0 - 0 =